MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Numru. 961/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**
**KONTRA**

**MARIANO PIRRONE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mariano Pirrone, bin Virgilio u Anna Maria nee' Busuttil, mwieled Attard nhar l- 24 ta' Awwissu 1977, residenti fil-fond Norfolk, flat 6, Triq il- Kappella tal- Lunzjata, Naxxar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 427677(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar l- 4 ta' Novembru 2007 u matul ix- xhur precedenti, bhala mpjegat mall- kumpanija maghrufa bhala Alu Care, li jinsab fi Triq Kappar, Mosta b' diversi azzjonijiet maghmulin minnu u fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi, u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, ikkommetta diversi serqiet ta' ghodda minn gewwa l- imsemmija kumpanija, li l- istima tal- istess ghodda taccedi l- €233 izda inqas minn €2,329, liema serq huwa aggravat bil- valur u bil- persuna u dang had- dannu tal- propjetarju Stephen Micallef mil-Mosta;

2) aktar talli f'dawn il- Gzejjer u matul iz- zminijiet fuq imsemmija, dawwar bi profit ghailh l- imsemmija ghodda li kienet giet fadata jew ikkunsinnata lilu taht titlu li jgib mieghu l- obbligu tar- rad tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad- dannu tal- propjetarju Stephen Micallef mil- Mosta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-imputat kien seraq xi ghodda minghand l-imghallem tieghu. Ghalkemm hu xehed in difesa u qal li kienet prassi li l-haddiema jiehdu l-ghodda maghhom id-dar, l-imputat ma kkonvinca xejn lil din il-Qorti. Anzi, ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u l-provi mressqa juru precizament il-

kontra, tant hu hekk li xi ftit mill-ghodda instabet fil-pussess tal-imputat minghajr ma dan ta spjegazzjoni plawsibbli ghall-presenza tal-istess ghodda ghandu. Ghalhekk l-imputazzjoni ta' serq tirrisulta ampjament ippruvata. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, izda, din ma rrisultatx.

Ghar-rigward tal-piena, il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat, li m'hix wahda felici wisq, izda rat li uhud mill-kundanni li ghandu inghataw wara li gara dan l-incident. Huwa bla dubju ta' xejn li l-imputat ghandu bzonn sorveljanza stretta fuqu, kemm permezz ta' deterrent effettiv kif ukoll permezz ta' presenza ta' Ufficjal tal-Probation. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti lill-imputat sentenza ta' prigunerija sospiza b' supervizjoni ta' Ufficjal kif inghad.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati tal- ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin, taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation ai terminu tal- Artikolu 28 G tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ma ssibux hati tat- tieni (2) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------